**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni nru. 157/2006**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Arthur Mercieca)**
**vs**
**Ahmed El Fadali Enan**

**Illum, 21 ta' Gunju 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Ahmed El Fadali Enan** ta' 36 sena, bin El Fadali u Melik nee' Abulela mwieled fl-Egittu fis-26 ta' Frar, 1969 u li joqghod fil-fond bl-isem 'Casa Maria' Triq il-Koppla, Fgura, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 18749(A).

Akkuzat talli:

> Fit-12 ta' Frar, 2006 ghall-habta tat-3.30 ta' wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, rrenda ruhu bhala komplici f'delitt u cioè fil-harba tal-prigunier bl-isem Belgacem Merabet mill-Facilità Korrettiva ta' Kordin liema harba saret bi ksur tal-post imsemmi u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement, ghin jew

assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-imsemmi Belgacem Merabet inkella sahhahlu l-volontà tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghdu li wara l-fatt jassistih jew jieqaf mieghu.

Talli fl-istess dati u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer, asssocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Talli fit-12 ta' Frar, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data fil-Fgura u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess data u cirkustanzi, f'dawn il-Gzejjer meta gie fil-pussess ta' munizzjon xort'ohra milli mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tat l-avviz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti u qieset il-provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni l-akkuzi migjuba kontra l-imputat jirrizultaw pruvati.

Illi l-provi u x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni huma koerenti u jwasslu biss ghal sejbien ta' htija fl-imputat.

L-imputat gie identifikat mill-persuna li kien qed jghin lill-Pulizija fit-tfittxija tal-imputat. Mistoqsi in kontro-ezami ghalfejn tali persuna seta' kellu interess li jidentifikah jekk fil-fatt ma kienx hu li ghin lil Belgacem Merabet jahrab, l-imputat ma gharafx iwiegeb.

L-imputat kien identifikat ukoll mill-istess Merabet bhala l-persuna li ghenitu jahrab. Dan identifikah f'zewg okkazjonijiet: inizjalment meta ingabar mill-Pulizija, biddel din id-dikjarazzjoni fl-istqarrija, izda imbaghad rega' ikkonfermaha meta xehed fil-Qorti.

Hemm ukoll it-traskrizzjonijiet tat-telefonati li saru minn Merabet lill-imputat fejn sar il-ftehim biex l-imputat jghin lil Merabet jahrab. L-imputat ma jichadx illi saru dawn it-telefonati.

Fix-xhieda tieghu l-imputat jispjega li lil Merabet kien jafu minn qabel ma sehh il-kaz.

Illi fid-dawl ta' dan kollu u tal-assjem tal-provi migjuba mill-prosekuzzjoni, il-verzjoni tal-imputat li huwa ma jaf xejn dwar il-harba ma hiex verosimili.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni ta' nullità msejsa fuq zball fil-hin u cioè li l-akkuza tindika l-hin tat-3.30pm filwaqt illi xi xhieda qalu li kien ghall-habta tas-2.30pm, m'ghandhiex twassal ghan-nullità tal-akkuza, stante illi l-istess akkuza ma ssemmiex biss il-hin tat-3.30 izda tghid: "ghall-habta tat-3.30 ta' wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel din id-data". Ghalhekk tinkludi wkoll il-hin tas-2.30pm fl-istess gurnata. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 152 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat illi dan il-kaz ilu li sehh sa mit-12 ta' Frar 2006, u ma jidhirx li l-imputat kellu xi kaz/ijiet ohra fejn xellef difru mal-gustizzja, l-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva ma hiex idoneja fil-kaz odjern, u ghalhekk tikkundanna lill-imputat sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur